MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2011

Numru 513/2005

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND D'ANASTASI
VS
ALFRED CAMILLERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Alfred Camilleri ta' 51 sena, iben Carmelo u Mary nata Borg, imwieled il-Pieta' fit-18 ta' Gunju 1954, residenti 36, 'Sunrise', Triq Hal-Dwin, Haz-Zebbug u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 483254(M);

Illi huwa akkuzat talli fit-13 ta' Mejju 2005 ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija, gewwa Haz-Zebbug bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Rita Camilleri, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt meta filwaqt li kellu l-kontroll u/jew kien qieghed isuq vettura numru FAS 689

saq fid-direzzjoni ta’ l-imsemmija Rita Camilleri liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok ucirkostanzi, volontarjament ikkaguna feriti ta’ natura hafifa u dan skond kif iccertifika it-tabib J.Vella M.D. ta’ Haz-Zebbug;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kas;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kas jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-11 ta` Novembru, 2009;

Rat in-nota tad-difiza tal-21 ta` Ottubru, 2009 u n-nota ulterjuri tal-kwerelanti tal-5 ta` Novembru, 2010.

Ikkonsidrat;

Supretendent Raymond D`Anastasi xhed a fol. 5 et seq illi fit-13 ta` Mejju, 2005 Rita Camilleri kienet irregistrat rapport l-Ghassa ta` Haz Zebbug illi r-ragel taghha, l-imputat, pprova joqtolha billi saq ghal fuqha bil-van tieghu. Hija nfurmat lil Pulizija illi l-imputat kien ghaddej fi Triq San Guiseppe, Zebbug ra gejja u lewa u pprova jidhol fuqha bil-vann tieghu.

Il-konjugi Camilleri jinstabu fi proceduri ta` separazzjoni personali;

Illi ghalhekk gie arrestat l-imputat li rrelaxxa stqarrija.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid illi huwa kien sejjer jara lil ibnu li kien qieghed ghand omm il-mara tieghu u kien fi Triq San Giuseppe, ghafas il-brake u “hasadlu l-isteering” u baqa` diehel fil-hajt fejn kien hemm martu li sofriet xi griehi.  L-ufficcjal prosekutur xhed illi l-kwerelanti kienet

ipprezentatlu zewg certifikati medici u cioe` d-Dok. RA3 u RA4.

In kontro ezami, Supretendent D`Anastasi xhed illi Strada San Giuseppe kienet triq dejqa tal-villagi Maltin u li kienet two way.

PS 358 Malcolm Bondin a fol. 14 et seq kkonferma illi huwa acceda ghand il-kwerelanti Rita Camilleri li kienet talbet ghal assistenza tal-Pulizija. Rita Camilleri nfurmat lil PS 358 illi waqt li kienet tiela` fi Triq San Giuseppe, r-ragel taghha li kien jsuq van ahmar, kif ra kiser ghal go fiha bil-konsegwenza li l-van baqa` diehel gol-hajt ta` residenza. Hija sabet il-kenn f`dahla ta` garage u l-vann laqatha zbrixx.

PS Bondin xhed illi f`din it-triq kien hemm zewg nisa ohra - Frances Zahra u Katarina Vella li kien xhieda okulari ta` dan l-incident – dawn infurmaw lil-Pulizija li raw van li f`hin minnhom kiser ghal gol hajt (ara fol. 15).

PS Bondin xhed illi Alfred Camilleri qallu li huwa kien ghaddej bil-mod, li ghafas il-brakes u ghal xi raguni jew ohra il-van gibidlu ghal gol-hajt.

PS Bondin ezebixxa l-okkorrenza Dok. PS.

Il-van garrab hsarat konsistenti fi grif tal-mudguard u tghawwig tar-rim tar-rota.

Rita Camilleri a fol. 19 et seq ezebiet disa` imagini Dok. RC1 sa RC 9 mehuda minn ohta Michelle Bristow.

PS 358, muri l-imagini K1 sa K9 xhed illi mal-koxxa tar-residenza No 29, Triq San Giuseppe kien hemm marki ta` zebgha misluha u grief fl-gholi ezatt tat-tyre (a fol. 22) u kkonferma l-imagini K1 sa K9 li juru dawk il-marki fuq il-hajt fejn sar l-impatt. PS 358 in kontro ezami kkonferma li l-van kellu brix mal-mudguard u hsarat mar-rim tat-tyre.

Hu xhed illi x-xhieda okulari l-ohra ta` dan l-incident kienu f`distanza ta` tul tal-Awla (Hall 3) mill-post tal-incident.

Catherine Vella a fol. 25 xhedet illi hija toqghod No 24 Hadwieli Street, Zebbug u kienet marret zzur lil habiba taghha Frances Zahra u qaghdu bil-qeghda hdejn il-bieb ta` barra tad-dar ta` Zahra cioe` No 32 St. Joseph Street, Zebbug.

**F`hin minnhom rat lil Rita Camilleri tiela u "nhoss il-van, karozza, gejja <u>bi speed feroci</u> u bl-ispeed li kien gej, il-wheelchair qisu trieghed, imbaghad nisma` brake kbir, qawwi u nara lir-Rita mal-hajt, dahlet gor-rokna tal-garaxx li jien bla ma ridt ghajjat – qedt, ommi, Madonna qatilha" (ara xhieda fol. 26).**

Catherine Vella xhedet li Rita Camilleri trekknet fid-dahla tal-garage u kienet mwegga. Vella kkonfermat l-immagini K8 u 9.

Catherine Vella kkonfermat illi t-triq kienet two way izda ma setghetx tghid jekk kienx hemm karozzi pparkjati dak il-hin.

Frances Zahra a fol. 91 et seq xhedet illi hija kienet bil-qeghda fl-ghatba tal-bieb tar-residenza tad-dar taghha, flimkien mal-habiba taghha illi kienet konfinata go wheelchair.

Zahra xhedet li rat lil Rita tiela` minn naha taghhom u "fil-pront naraw van gej, jaghfas in-naha taghha … u baqa` diehel go koxxa tal-bieb … ahna qieghedna Madonna qatilha ghax minn hemm kienet gejja miskina, hi rasset lejh il-garage. Fil-pront giet hi migrufa, b`idejha … qaltilna kien ha joqtolni qaltilna ghax ir-ragel tieghi".

Zahra xhedet illi hija dahlet lil Rita Camilleri f`dahra u cemplu lil Pulizija.

A fol. 32 Zahra xehdet illi l-imputat ma kienx ghaddej bi speed qawwi – "kien qisu jghaggel" – b`dana hija fissret a fol. 33 "mhux li jgerri ta` barra minn hawn … jghaggel hux, jghaggel". Ikkonfermat l-immagini Dok K1 sa K9.

Rita Camilleri a fol. 34 xhedet illi hija u l-imputat kienu fi proceduri ta` separazzjoni personali u li l-imputat minkejja d-digriet tal-Qorti ma kienx jghaddielha manteniment.

Camilleri xhedet illi hija kienet ghaddejja wahidha fi Triq San Giuseppe.
**"Rajtu gej fid-direzzjoni tieghi, jien indunajt li meta kien ghadu ftit 'l boghod, zied fil-gass, u ndunajt li gej fid-direzzjoni tieghi. Jien trekkint mal-hajt u nzorta sibt bieb ta` garaxx bir-rampa u dhalt go fih hekk, kien fih ftit fejn nidhol u hu baqa` gej irossni mal-hajt, jien jigifieri li kieku ma ghamiltx hekk kien jifqaghni mal-hajt u jhallini mejta hemmhekk ghax baqa` jrossni u baqa` niezel iktar 'l isfel. Jien ghaddejt minn wara l-vann".** (ara fol. 25).

Camilleri xhedet illi meta l-imputat habat mal-hajt, hu baqa` jrossha mal-hajt mill-"parti tal-hips sa nofs dahra".

Camilleri kkonfermat ir-ritratti RC1 sa RC9, RCB, RCC, RCD u kkonfermat c-certifikati medici Dok RA3 u RA 4.

Camilleri a fol. 37 xhedet illi hija kienet ddecidiet titlaq mid-dar konjugali ghaliex l-**imputat heddida li jekk ma titlaqx mid-dar "se jqattaha bil-manarett".**

Hija xhedet illi zewgha kien dejjem tiela` u niezel minn quddiem ir-residenza taghha u hija kienet tibza` tohrog minn darha minhabba fih. **Hija xhedet li kien jheddida li ma jhallihiex tirfes l-ghatba tal-Qorti.**

Dr. Joe Vella a fol. 46 kkonferma c-certifikati medici Dok. RA3 sa RA4 u ddikjara li Rita Camilleri kienet giet ghandu b`xokk kbir, kienet isterika, u qaltlu li xi hadd pprova jtajjarha bil-karozza.

Kellha tbengil f`idejha u saqajha u kklassifika il-grief bhala dawk ta` natura hafifa.

Wara tlett ijiem hargu d-dbengil fl-ucuh tal-idejn, fi spallitha l-leminija u kellha ugiegh fid-deltoid muscle.

Supretendent D`Anastasi a fol. 51 ezebixxa l-istqarrija tal-imputat – Dok. RAX a fol. 52 et seq.

Michelle Bristow oht Rita Camilleri kkonfermat illi hija hadet ritratti RCA 1 sa 9, RCB, RCD u K1 sa 9.

L-imputat Alfred Camilleri xhed a fol. 64 et seq u kkonferma li kien hemm proceduri: ghal separazzjoni personali pendenti bejnu u martu, il-kwerelanti fil-Qrati ta` Malta.

Huwa xhed illi kellu zewg subien ta` erbgha u ghoxrin (24) u dsatghax (19) il- sena li kienu jghixu mieghu.

Huwa xhed illi fid-data in kwistjoni

"Dak kont niezel u triq dejqa, ridt indur il-kantuniera, kien hemm xi nies barra, bilqeghda ghax kien is-sajf, u x`hin wasalt fejn dawn in-nies, kif kont qieghed insuq zammejt ftit il-brake, u dan il-brake hasadli u xehitni gol-hajt. Fl-istess hin, waqt li jien inkun nara li jkun tiela` xi hadd, pero` ma naghtix kaz min ikun bhala bniedem, bhala persuna, u din grat kemm-il darba".

Huwa xehed illi hareg mill-karozza u qalilha "Jekk ghandek xi haga mur aqbez s`ghand it-tabib" (ara fol. 68) izda hija qaltlu illi ma kellha xejn.

Illi wara l-incident huwa ha il-van ghand il-mechanic.

A fol. 69, l-imputat xhed illi l-steering tal-van kull tant "kien jigbed ftit" meta kien japplika il-brakes.

Huwa xhed li l-mechanic sab li kellu l-hsara fl-isteering u ezebixxa l-ircevuti Dok. AC1 sa 3.

**L-imputat a fol. 71 jghid illi min irid joqtol lil hadd b`karozza ma joqtlux b`daqqa bil-genb tal-karozza.**

Hu sostna illi Triq San Giuseppe kienet it-triq li jghaddi minnha meta jkun ser jara t-tifel u qal ukoll illi kien mar hu stess jirrapporta l-ghassa ta` Haz Zebbug pero` sabha

maghluqa u ghaldaqstant cempel l-ghassa ta` Hal Qormi. Huwa sostna illi kien ghaddej bi speed baxx ghaliex t-triq ma tippermettiex speed.

Mistoqsi:
Difiza: "il-hsarat, il-van ghid illi kellu r-rota …?
Imputat: "Parti li jaqbad mal-isteering".

In kontro ezami l-imputat jghid li cempel lil Kunsil mhux il-Pulizija. (ara fol. 73).

A fol. 74, l-imputat jghid li nsegwitu tar-rapport ta` martu "baghat ghalija (l-Pulizija) biex naghmel rapport".

L-imputat xehed a fol 77 illi l-steering tal-van kien gibidlu bejn hames u ghaxar il-darba qabel dan l-incident u li mar ghand il-mechanic wara dan l-incident.

L-imputat a fol. 78 jinnega illi l-van tieghu kkaguna l-hsarat fuq il-hajt.

Jinnega wkoll illi dak innhar kien rrabjat il-ghaliex kien kostrett jhallas nofs l-ispejjes tal-perit fil-proceduri tas-separazzjoni.

L-imputat baqa` jsostni li huwa kien ghaddej bi speed baxx (ara fol. 81).

Malcolm Grech, mechanic, xhed a fol. 102 illi l-imputat kien li ilu klijent tieghu dawn l-ahhar tlett snin. Huwa xehed illi sab hsara fl-"arm" li hija parti mill-geometrija tal-isteering.

Huwa xhed li l-van dahal ghat-tiswija fil-gurnata indikata fl-ircevuti immarkati f`Dok AC1, 2, 3 jew fil-gurnata ta` qabel.

Malcolm Grech xhed illi l-imputat stess saq il-van sal-garage tieghu u ma sar ebda towing (ara xhieda a fol. 105).

Ikkonsidrat:

Mix-xhieda fuq prodotta jirrizulta b`modd ampju illi l-imputat kien issuq il-van tieghu bi speed qawwi u certament mhux adatt ghal triqat dojoq tal-villagg Maltin.

Illi b`dan l-speed eccessiv gie ben notat minn zewg xhieda okulari – Francis Zahra u Catherine Vella li ddeskrivew dan l-ispeed bhala wiehed "feroci" – u speed "jghaggel" – tant illi l-wheel chair tal-Vella trieghed hekk kif ghadda dan il-van.

**Din il-Qorti taghraf illi meta l-imputat induna bil-kwerelanti hu saq ghal fuqha, dahal fil-hajt u baqa` jross il-van biex jagredixxi lil martu li bi fortuna kbira sabet il-kenn f`bokka ta` garage li inzerta li kien hemm fil-post fejn gara l-impatt.**

Dan gie pprovat mhux biss bix-xhieda grafika ta` Rita Camilleri izda mix-xhieda okulari u indipendenti ta` Vella u Zahra u huwa kollaborat bil-grif u sliegh fil-hajt No 29, Triq San Giuseppe, Zebbug u fil-<u>hsarat fuq il-mudguard</u> u fuq ir-rim tat-tyre tal-van tal-imputat.

Illi din l- Qorti ma tista taghti piz lix- xhieda ta' l- imputat u dan stante li x- xhieda tieghu hija mzewqa b' inkonsistenzi gravi. Hekk per ezempju l- imputat l- ewwel jghid li kien hu illi mar jaghmel rapport l- ghassa ta l- pulizija; ibiddel din l-verzjoni u jghid li fil- fatt kien cempel lill kunsill u mhux lil pulizija; ibiddel dinl- verzjoni u jghid li hu fehem li hu kien qed jaghmel ir- rapport meta il- pulizija baghtu ghalih biex ikellmuh; u jzid jghid li hu mar jaghmel rapport fl- ghassa ta Haz- Zebbug bil- mixi u sabha maghluqa. **Dan kollhu huwa michud** kategorikament minn PS Malcolm Bondin li jasserixxi li kienet biss Rita Camilleri li tablet ghal-assistenza tal pulizija. Lanqas ma hi veritiera' l- asserzjoni ta' l- imputat li hu xtaq jaghti l- assistenza medika lil martu u baqa jinsisti u jargument maghha fuq dan l-aspett. Dan qed jinghad il- ghaliex l- imputat fix- xhieda tieghu jasserixxi wkoll li **hu mill- ewwel telaq jigri sa l- ghassa tal - pulizija ta' Haz- Zebbug.** Huwa opportune li wiehed jaghmel acenn ghal- fatt li ebda wahda mix-xhieda okulari

cioe' Francis Zahra u Katarina Vella ma semmiet li l-imputat b' xi mod ipprova jghin lil martu wara l- incident.

Illi di piu' l- imputat esebixxa dokument AC1 sa AC3 li juru t- tiswijiet li kien jehtieg li jaghmel il- van, fejn jideher lid an il- vann gie irmunkat. Mix- xhieda ta' Malcolm Grech pero' jirrizulta li ma sar l- ebda irmunkar u l- imputat kien saq il- karozza tieghu stess ghand il- mechanic (ara fol 105).

Ghal xejn l-imputat jipprova jghatti x-xemx bl-gharbiel.

Din il-Qorti b`ebda mod ma tista` temmen il- passi qarrieqa li l-imputat adopera sabiex jipprova jizloq mir-responsabilta' ta' ghemilu. Dan qed jinghad il- ghaliex l- imputat mar isewwi l- vettura tieghu ghand mechanic **gdid** fit-3 ta` Gunju 2005 meta l-incident gara fit-13 ta` Mejju, 2005 (ara xhieda ta` Malcolm Grech li jghid fit-2008, li l- imputat **kien ilu klijent tieghu ghal xi tlett snin**). Dan sar sabiex l- Qorti ma jkollha l- ebda informazzjoni fuq l- istat ta l- *isteering apparatus* tal- vettura ta' l- imputat qabel l- incident.

Illi di piu` il-Qorti ma tara xejn stramb li bhala konsegwenza ta' l- impatt, jkun hemm hsara fl-apparat tal- isteering. Dan il- ghaliex id- daqqa kienet turi certu qawwa tant li kif jidher fir-ritratti ezebiti, wettqet il-hsara fil-hajt; fil- *Mudguard* u fir-*rim* tar-rota tal- vettura.

Di piu` il-Qorti tqies illi din il-hsara fl-*isteering* **saret kawza tal-impatt** meritu tal-akkuza **u mhux il-ghaliex kien hemm xi difett antecidenti ghall-incident**.

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa mixli b`attentat ta` ferita gravi.

Skond il- gurisprudenza nostrali sabiex tisussisti attentat ta' ferita gravi, l- prosekuzjoni trid tipprova l-intenzjoni specifika li tikkaguna offiza ta' natura gravi u mhux bizzejjed intenzjoni generika li wiehed iwegga lil dak li jkun. **(Ara Pulizija Vs Alfio Attard APP KRIM deciza 31 ta' Lulju, 2008 per MH Joseph Galea Debono u Pulizija**

**Vs Francis Cuschieri deciza 15 ta' Jannar, 2009 APP KRIM per MH Joseph Galea Debono a fol 11).**

Infatti l-Qorti ta' l- Appell Kriminali irriteniet is-segwenti :

**"kienet korreta l- ewwel Qorti meta qalet li biex jissustixxi r- reat ta' tentattiv ta' offizi gravi jehtieg li tirrizulta intenzjoni specifika li tigi ikkagunata tali offiza gravi u mhux biss intenzjoni generika li twegga lil dak li jkun, pero tali intenzjoni specifika tista tigi dezunta mic- cirkostanzi bhal ma huma x- xorta ta' l-arma li tkun intuzat."**

**Ara Pulizija (Spettur Carlo Ellul) Vs Saviour Xerri deciza 24 ta Frar, 2010 APP KRIM per MH Galea Debono a fol 6.**
Infatti fis-**sentenza "Il-Pulizija – Spettur Carlo Ellul vs. Saviour Xerri**, l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-Sentenza taghha deciza fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar elfejn u ghaxra (2010) per Imhallef Galea Debono irreteniet is-segwenti:

**"*Kif dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana, jistghu jirrizultaw cirkostanzi li jikkonvincu lill-gudikant sal-grad tac-certezza morali, fejn l-offiza li tkun irrizultat tkun ta' natura hafifa, li l-intenzjoni tal-aggressur ma kienetx biss dik li jikkaguna offiza ta' natura hafifa jew intenzjoni generika li jikkaguna xi xorta ta' offiza, imma wahda specifika li jikkaguna offiza ta' natura gravi. Hawnhekk tkun ipotizzabbli l-imputazzjoni tat-tentattiva ta' offiza gravi fuq il-persuna.***

***Din il-Qorti taqbel mal-appellant li normalment min jaqbad strument jaqta' w bil-ponta bhal ma huwa mus, biex jaghti bih ikollu intenzjoni li jferi serjament lil dak li jkun u mhux biex jaghmillu xi girfa superficjali. Hu minnu li f'dan il-kaz il-ferita kienet fil-parti inferjuri, pero' huwa risaput li anki f' dik il- parti jkun hemm blood vessels bhal arterji jew vini principali, nervituri w sistema ta' muskoli li, jekk jigu perforati jew imcarrta, jistghu facilmet iwasslu ghal konsegwenzi***

***ferm serji. Kienet korretta l-Ewwel Qorti meta qalet li biex jissussisti r-reat ta' offiza gravi jinhtieg li tirrizulta intenzjoni specifika li tigi kagjonata tali offiza gravi w mhux biss intenzjoni generika li twegga' lil dak li jkun, pero' tali intenzjoni specifika tista' tigi dezunta mic-cirkostanzi bhal ma huma x-xorta tal-arma li tkun intuzat. Tista' wkoll tigi dezunta minn natura tal-ferita innifisha. Altru girfa superficjali bhal dik kagjonata minn min ikun qed ixejjer b'mus aktar biex ibezza' jew biex izomm l-avversarju tieghu 'l boghod minnu w altru "stab wound" kif irrizulta f'dan il-kaz.***

Mill-assjem tal-provi mibjuba a konjizzjoni ta` din il-Qorti, din l-istess Qorti ma ghandhiex xrara ta` dubbju illi l-imputat fir-realta` kellu l-intenzjoni specifika biex iwegga` lil martu gravament meta iddeciedha illi jsuq ghal fuqha bil-van tieghu. Illi c- cirkostanzi ta' dan l- incident: cioe l-speed ezagerat, l-impatt, l-mod kif l- imputat baqa` jkaxkar l- karozza tieghu ma l- hajt, biex jipprova jagredixxi lil martu, huma in effett cirkostanzi li gudikant **facilment** ghandu jiddizumi prova ta` l-intenzjoni specifika li jwettaq feriti ta` natura gravi. F' dan il- kaz pero' l- Qorti se tmur oltre minn dan, il- ghaliex temmen, illi fil- kaz in ezami, kien hemm provi bizzejjed sabiex l-imputat jigi mixli **b`attentat ta` omicidju**.

F' dawn l- proceduri ghalhekk il- Qorti hi marbuta bil-piena ta' prigunerija limitata' mis- sommarjeta tal-proceduri.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, bit-tieni akkuza assorbita fl-ewwel akkuza ghal fini ta` piena u wara li rat l-Art. 41, 214, 216, 221 u 31 tal-Kap. 9, tikkundana lill-imputat ghal sentejn prigunerija. Fic-cirkustanzi gravi ta` dan il-kas il-Qorti ma tistax tikkonsidra ebda piena alternattiva ghal dik ta` incarcerazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------